MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2008

Numru. 103/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**
**Paolo Scerri ta’ 74 sena, bin Emmanuele u Maria nee’ Gordon, imwieled Hamrun fis-7 ta’ Frar 1934, residenti f’ Kennedy House, Triq Dun Gorg Preca, Hamrun u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 121334(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paolo Scerri akkuzat:

talli f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Jannar 2000, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza

ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginnarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Joseph Pace minn tas-Sliema;

kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Jannar 2000 jew f’xi perijodu qabel, billi ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta’ qliegh, kiteb fuqha xi haga li kienet ta’ hsara ghal persuna ohra, jew, bl-istess hsieb, zied fuq karta mhux in bjank fdata lilu, xi kitba jew klawsola.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Marzu 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-preskrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali bid-dekors ta’ hames snin u dana a tenur ta’l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet limitatament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni tal-preksrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza.

Illi il-fatti ta’ dana il-kaz in succinct huma is-segwenti. Illi omm l-imputat, certu Mary Scerri kienet izzewwget darbtejn. Mill-ewwel zwieg hija kellha hamest itfal fosthom lill-imputat. Hija izzewwegt ghat-tieni darba lil certu Giuseppe Pace, li jigi missier il-kwerelant Joseph Pace. Minn dana t-tieni zwieg bejn Mary Scerri u Giuseppe Pace, il-koppja kellhom tlett itfal ohra Anthony, Louis u Vivienne. Illi ghal habta tas-sena  elfejn l-imputat kien avvicina lil-kwerelant Joseph Pace u tallbu jiffirma xi karti in bjank u dana ghall-iskop li tinkera proprjeta provenjenti mill-wirt ta’ Giuseppe Pace u cioe’ proprjeta gewwa il-Belt Valletta. X’uzu ghamel l-imputat minn dawn il-firem, l-

kwerelant qatt ma ivverifika. Pace isostni illi l-imputat uza dawn il-firem, sussegwentment sabiex fit-13 ta’ Jannar 2000 sar kuntratt ta’ trasferiment favur tieghu ta’ nofs indiviz ta’ proprjeta bl-isem “Kennedy” gewwa Triq Dun Gorg Preca, il-Hamrun. In-nofs indiviz ta’ dana il-fond kien jappartjeni lilu u cioe’ lill-parti leza u lit-tlett nofs hutu l-ohra Anthony, Vivienne u Louis. Joseph Pace isostni illi huwa qatt ma kien prezenti meta gie iffirmat dana il-kuntratt ghand in-Nutar Pierre Falzon, kif ukoll illi huwa qatt ma  seta’ jissuspetta x’setgha ghamel l-imputat peress illi huwa kien ilu jirrisjedi fil-fond trafserit minn qabel ma sar l-kuntratt u baqa’ jirrisjedi f’dana il-fond wara. Ghalhekk ma seta’ qatt  jinduna b’dak illi ghamel l-imputat. Huwa jikkontendi illi la hutu u wisq anqas l-imputat ma kienu infurmawh b’dak li kien sehh. Huwa sar jaf biss b’dana il-kuntratt fis-sena 2007 meta l-imputat avvicinah sabiex jiffirmalu prokura ghal bejgh ta’ xi proprjeta provenjenti mill-wirt ta’ ommu Mary Scerri u missieru, Giuseppe Pace, izda l-kwerelant ma qabilx illi dana kellu isehh u ghalhekk kien ikkomunika ma’ ohtu Vivienne sabiex jiskopri dak li kien qieghed jigri u kien hawnhekk illi ohtu infurmatu bil-kuntratt li kien sar, mertu ta’ din ail-kawza. Pace ghalhekk mar jaghmel il-verifiki tieghu ghand in-Nutar Pierre Falzon li ghaddielu kopja tal-kuntratt. Minn hawn l-kwerelant ghamel rapport lill-pulizija li bdew imexxu bl-investigazzjonijiet taghhom.

Id-difiza ghalhekk qed isosstni illi l-azzjoni kriminali hija preskritta, bid-dekors ta’ hames snin mit-13 ta’ Jannar 2000. Illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta’ April 2008, il-partijiet qablu illi l-preskrizzjoni applikabbli ghar-reati addebitati lill-imputat hija dik ta’ hames snin u dana a tenur ta’l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-prosekuzzjoni, minn naha taghha, qed takkampa ruhha mad-difiza illi f’dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta’l-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jiddipsoni testwalment:

**“Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf”**

U ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma seta’ jibda jiddekorri favur l-imputat, iktar u iktar meta fil-kaz odjern, mhux biss il-persuna tal-hati (jew ahjar ta’l-imputat jew akkuzat) ma kenitx maghrufa, izda lanqas ma kien maghruf id-delitt, jew ahjar il-kommissjoni tar-reat jew reati in dizamina.

Id-difiza issostni illi fuq skorta ta’ decizjonijiet moghtija mill-qrati taghna, dana id-dispost tal-ligi japplika biss meta l-injoranza tkun wahda assoluta u mhux relattiva biss ghal persuna tal-vittma jew kwerelant, jew inkella ghal Pulizija Ezekuttiva biss, kif ukoll illi l-akkuzat jew kif imsejjah fil-ligi, il-hati, ma ikunx ghamel atti posittivi sabiex b’malizja jahbi dana il-fatt. Illi l-fatt illi il-kuntratt ta’ kompro-vendita in kwistjoni huwa att pubbliku li skond il-ligi irid jigi regolarment insinwat fir-Registru Pubbliku ghalhekk tali injoranza ma tistax tissusisti.

Illi l-Qorti ta’l-Appell Kriminali ittrattat dina l-kwistjoni legali f’sentenza moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2001 f’kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri”, liema sentenza ghamlet referenza ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi Formosa vs Zarb Cousin (11/09/1922) u Il-Pulizija vs Mikiel Agius (03.02.1947) fejn kien gie deciz:

***“delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per I delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell’ 11/09/22 in reLuigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe’ <u>che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole.</u>”***

Illi mill-provi migjuba quddiem dina il-Qorti jirrizultaw bhala fatti illi l-kwerelant ma kienx prezenti meta sar l-kuntratt tat-13 ta’ Jannar 2000. Illi huwa ma giex infurmat illi kien ser isir dana il-kuntratt. Dana huwa ikkonfermat anke mill-istqarrija rillaxjata mill-imputat esebita a fo.31 tal-process.

Illi Joseph Pace u cioe' il-parti leza jallega illi huwa sar jaf b'dan il-kuntratt biss fis-sena 2007 u cioe' **seba' snin** wara, meta kienu ser jinbieghu xi proprjetajiet provenjenti mill-wirt ta' missieru Giuseppe Pace. Dana Pace isostni illi huwa qatt ma gie avvicinat mill-imputat f'dana il-perijodu twil ta' seba' snin u qatt ma rega' iltaqa' mieghu. Lanqas biss ma kien avvicina lill-imputat sabiex jistaqsieh x'kien sehh mil-firem "in bianco", li kien ghamillu meta l-ahhar iltaqa' mieghu u jekk fil-fatt kienx inkera l-fond gewwa il-Belt Valletta, kif qallu li kien ser jaghmel l-imputat, jew jekk kenitx dahhlet xi kera mil-lokazzjoni ta' dana il-fond. Isostni inoltre illi ma hutu ftit li xejn jiltaqa' u meta iltaqghu qatt ma tkellmu dwar dana il-kuntratt. Kien biss meta sehh dana il-kaz illi huwa ikkomunika maghhom sabiex jiffirmaw affidavit imhejji minnu stess sabiex jikkonfermaw illi huwa ma kienx prezenti meta sar l-kuntratt u li l-firma tieghu kienet diga fuq il-kuntratt meta huma iffirmawh.

Il-Qorti mal-ewwel tiddikjara illi issibha ferm difficli temmen, kif Joseph Pace qabad u iffirma karti vojta minghajr ma ivverifika wara x'kien sar mill-firma tieghu. Kif issibha ferm difficli ukoll temmen illi matul dana il-perijodu twil ta' zmien huwa qatt ma ha interess f'dak illi kien qieghed isehh mill-proprjeta provenjenti mill-wirt ta' missieru Giuseppe Pace u li qatt qabel ma kien ikkomunika ma' hutu u/jew ma'l-imputat f'dana ir-rigward. Inoltre hemm konfliggenza shiha fix-xhieda moghtija minn hut l-imputat u Pace, u cioe' Vivienne Portelli, Louis Pace u Anthony Pace, peress illi mix-xhieda taghhom jirrizulta illi qajla jiftakru dak illi sehh wara dana iz-zmien kollu! Anthony Pace isostni illi l-firma ta' Joseph Pace kienet fuq karta zghira b'linji suwed. Vivienne Portelli tghid illi hija iffirmat 'il fuq mill-post fejn kien hemm il-firma ta' Joseph Pace, imbaghad iktar tard fix-xhieda taghha, issostni illi diversi xhur wara li kien sar l-kuntratt, Paolo Scerri, u cioe' l-imputat iltaqa' maghha u infurmaha illi Joseph Pace kien iffirmalu l-kuntratt hdejn Freddie Brown gewwa l-Belt Valletta u li ghalhekk kollox kien gie iffinalizzat. Illi min-naha ta' Louis Pace dana isostni illi ma jiftakar xejn, u ighid illi huwa iffirma affidavit (esebit bhala Dokument AP a fol.50) li kien gie imhejji minn huh Joseph Pace u

iffirmah ghax tallbu jaghmel hekk huh u mhux ghax ftakar id-dettalji imnizzla f'dana l-affidavit.

Illi f'din il-konfuzjoni shiha mix-xhieda johrog biss fattur wiehed u cioe' l-ghan illi ghalih jezisti l-Istitut tal-preskrizzjoni. Dana ghaliex il-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta'l-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe' illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta il-provi li irdu jigu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Illi ghalhekk il-Qorti ma temminix illi hawnhekk si tratta ta' injoranza assoluta tal-kommissjoni (o meno) ta' dana ir-reat u dana peress illi hawnhekk si tratta ta' kwistjonijiet familjari bejn individwi illi jafu lil xulxin u li ghandhom interessi patrimonjali u ekonomici in komun u mhux ta' xi nies illi qatt ma setghu jiltaqghu jew li ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma xulxin! Inoltre il-Qorti issibha difficli temmen kif il-parti leza, li huwa bniedem fin-negozju, kif ighid huwa stess fix-xhieda tieghu, li anke ghandu diversi "problemi" mal-banek tieghu, qatt ma saru ricerki f'ismu personali anke mill-banek stess li maghhom huwa ghandu x'jaqsam fil-kors tan-negozju tieghu! Kwindi dina l-Qorti hija tal-fehma illi il-parti leza, seta' facilment f'dana il-perijodu twil ta' zmien induna b'dak li kien sehh u li ghalhekk ma huwiex il-kaz illi r-reati li dwarhom l-imputat illum jinsab akkuzat, (jekk realment sehhew) ma setghux jigu rapportati qabel lill-pulizija. Illi finalment mill-provi migjuba lanqas ma irrizulta illi l-imputat b'xi mod heba dana il-fatt b'mod malizjus, izda huwa ighix fir-residenza tieghu apertament u ilu hekk jabita ghal zmien twil, qabel ma sar it-trasferiment odjern u ghadu hemmhekk ighix sal-lum.

Illi finalment ir-reati addebitati lill-imputat fl-akkuza huma preskrivibbli kif diga inghad bil-preskrizzjoni kwinkwennali u li ghalhekk bejn id-data ta'l-allegati reati fis-sena 2001 u il-gurnata li fiha l-akkuzi gew ipprezentati il-Qorti fl-4 ta' Frar 2008, ghaddew 'il fuq minn hames snin.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti, wara li rat l-artikoli 688(d) u 692 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-imputat tal-preskrizzjoni, tiddikjara l-azzjoni kriminali odjerna preskritta skond il-liġi u kwindi tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------